**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 545/2019*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Oriana Spiteri)**
**-vs-**
**Emanuel Esposito, detentur tal-karta tal-identita` numru 56756M**

**Illum:** 16 ta' Dicembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Emanuel Esposito** u cioe` talli:

Nhar l-4 ta' Lulju, 2019, gewwa 48, Ciklama, Triq Santa Duminka, Zabbar:

Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' John Fiorini, u dan ai terminu tal-Artikoli 214, 216(1), 222(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni inkluza fil-mori tal-kawza kontra Emanuel Esposito a beneficcju ta' John Fiorini u familjari tieghu u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' John Fiorini u familjari tieghu jew sabiex jinzamm il-buon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Emanuel Esposito b'obbligazzjoni tieghu nnifsu

taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-artikoli 383 et seq. tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, torbot lill-imsemmi Emanuel Esposito sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-artikoli 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti hi mitluba tittratta lil Emanuel Esposito bhala persuna recediva meta gie sentenzjat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jitbiddlu u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

a. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 214, 215, 216(1), 222(A)(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 383, 384, 385, 412C, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat m'kellux oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

John Fiorini xehed kif tqabbad mill-imputat jaghmillu xoghol fuq dghajsa,[2] kajjik, *"qalli ghandi d-dghajsa l-ohra kayik jew ma nafx x' inhi, qalli ghandi l-heaters*

[1] Fol.71
[2] Fol.22

*mhux tistartja l-magna qalli biex tirrangahomli. U rega gie ghaliha gurnata ohra, ma niftakarx jekk hux l-ghada jew pit ghada, u hadni fuq id-dghajsa l-ohra. Tlajt fuq id-dghajsa l-ohra mieghu, telajna l-ghodda, qlajtlu l-heaters, iccekjajthomlu wiehed wiehed ghetlu dawn tajbin. Provajna nistartjaw u ghetlu le din ghandek xi haga ohra, qalli mhux l-pompa hu. Ghetlu niccekjaw il-pompa ta' diesel li ttelgha d-diesel mit-tank ghal gol-magna. U ccekjajniha u sibniha hazina, qalli ha mur nixtri wahda, u mar xtara wahda gdida. Gaba, armajtilu u startjajna u kienet kollox sewwa. Umbghad wara ghetlu jekk inti tridni naghmilek service fuq il-mutur ghetlu telghaha ghax fuqha mhux ha nigi, qalli uejja ghamili pjacir halli nitilaw fuqha. Biex nikkuntentah mort,tlajna fuq id-dghajsa tieghu l-ohra li kienet fil-bahar, igifieri l-ewwel wahda li rrangajtlu l-starter. Kif tlajna fuqu ghetlu hawn hekk ma tantx nistaw nahdmu ghax l-outboard jkun mdendel ma wara, jiena b' saqajja jugawni irkupteja, mhux din li ghandi issa ghax din kawza ta li ghamilu hu. Provajt naqlalu l-sparking plugs u waqawli xi ghodda l-bahar, ghetlu isma ghamili pjacir din mhux ha nkomplija hawn hekk. Ghetlu meta trid intellawha fejn konna dakinhar u nirrangaw u ghaddiet. Ghaddiet gurnata, ghaddiet tnejn, ghaddiet tlieta, qalli iva ghax il-karru ma ghandix ta, qalli ma nistawx intellawha ghal issa. Wara xi gimgha jew ma nafx kemm tajt lil wiehed David Zarb jghidulu l-landa ma dan telgha fuq id-dghajsa u qed jipprova jirranga hu. Ghet mela dan jrid joqghod jghaddijni bi zmien u ma startjawix dakinhar ghax jiena kont qieghed fuq il-bank fejn il-bahar. …..l-ghada nara lilu tielgha fuqha jipprova jistartja u xorta ma rnexxilu xejn. Ghad dan mhux ha nhallih jghaddijni bi zmien, kif nizel minn fuq id-dghajsa u mar fil-karozza, mort fuqu ghetlu Leli isma ghamili pjacir ghetlu hallasni ta' xoghol li ghamiltlek u jekk tridni inkomplilek fuq l-outboard ghetlu telghaha u nirrangaw, ghetlu il-bqija nigi ghal flus ghada biex thallasni, u bqajna hekk. Ghidtlu mela ghada nigi d-dar ghandek ghax jiena ma noqghodx il-boghod hafna minnu dan."*[3].

Fl-4 ta' Lulju mar fir-residenza tal-imputat biex jitlob li jithallas ghal xogholu: *"Mort hemm hekk, habbatlu, fetah ghax hu ghandu zewg bibien, wiehed ta' l-*

[3] Fol.23-24

*aluminium fuq barra u ghandu iehor fuq gewwa. Fetahli, dhalt gewwa, qalli naghmilek drink. Ghetlu xi drink ghetlu tijni li ghandek ittijni ghetlu diga ghetlek il-bierah, ghetlu halli nitlaq l' hemm. Umbghad fil-pront qalli isma wara kollox x' ghandi intik jien, ghetlu ha nitolbok cucata, ghetlu fifty euros, ghetlu lanqas haq ta' wahda. Ehe qalli, qalli ha nghidlek x' ha ntik jien. Kellu statwetta daqshekk ta' caqquf... [li kien fiha] forsi xi pied min dawn li jkollu fuq il-kommodini fl-intrata.* ***Qabbad din u faqahili go rasi****….. U din inkisret din l-istatwa, kien baqalu bicca ohra* ***u qalli issa ha ndahhalilek go wiccek****, ghetlu ukoll.* ***Gie ha jtijili go wicci u lqajtilu*** *u ghamilli kuhhala daqsxix, pero bicca minnha…"* laqtitu fuq imniehru minn fejn hareg hafna demm. [4]

Fiorini jsemmi kif dan ma kienx kollox ghaliex qala diversi daqqiet ta' ponn *"Qalli itlaqli l-barra, u kif* ***beda jtijni bil-ponn*** *qbadt ma' l-antiporta, kellu hgiega nieqsa ta' l-antiporta u qbad m' hemm. Sadanitant* ***qed jtijni bil-ponn go wicci hawn, go sidri… U beda jtijni go wicci, go genbi u bis-sieq go saqqaja****. Fil-pront ma flahtx inzomm iktar jiena ghax kont daqsxejn stordut bid-daqqa u* ***sabbatni mal-art. Beda jtijni bis-sieq, itlaqli l-barra*** *u dan qisu minn hawn s' hemm sal-bieb ta' barra.* ***…., gerbibni, tefani fit-triq u ghalaq il-bieb ta' l-aluminium****. ….. bid-daqqiet ta' sieq spiccajt fuq il-bankina barra, sabbat il-bieb u dahal il-gewwa u* ***telaqni hemm bid-demm hiereg minn wicci,****"*.[5]Il-vittma iddahhal l-isptar fejn ghamel tlett gimghat u li fihom kien migugh hafna.[6] Mill-*case summary* prezentat mix-xhud jirrizulta li dan sofra *"fracture of the left acetabulum and left inferior and superior pubic ramus"*[7].

---

[4] Fol.24-25
[5] Fol.25-26
[6] Fol.27
[7] **Dok.JF** a fol.29 et seq.

**PS31 Mario Farrugia** jixhed li ha r-rapport tal-vittma meta dan kien rikoverat fl-isptar.[8] Gie esebit il-**Current Incident Report**[9] li minnu jirrizulta li meta l-imputat gie mitkellem, sahaq li ma kienx minnu dak li rraporta Fiorini ghaliex ma kienx id-dar izda Wied il-Ghajn u Fiorini ma ghamillux xoghlijiet.[10]Dan ir-rapport sar wara li **PC488 Eman Cilia** kien stazzjonat Mater Dei u rrefera li persuna li ddahhlet l-isptar kienet giet aggredita.[11]

**L-ispettur Oriana Spiteri** spjegat li meta l-imputat gie interrogat dan cahad li Fiorini, li jafu, ghamillu xi xoghol ghalkemm ikkonferma li ghandu *"fregatina ta hmistax il-pied u ghandhi speedboat ta' tlettax il-pied, Johnson 35"*[12]. Insista li hu ma keinx id-dar izda kien Wied il-Ghajn jahdem fuq il-fregatina wahdu.[13]

**Il-Professur Ray Gatt** esebixxa r-rapport tieghu fejn fih jinghad li *"John Fiorini qieghed jilmenta minn ugigh, kif ukoll ebusija u nuqqas ta' mobilita` generali minhabba il-**ksur li sofra fil-gog tal-hip tax-xellug (acetabulum).** Il-ksur kien jinvolvi gog u ghalkemm dan fieq, il-pazjent ghandu cans iktar minn pazjenti ta' l-istess eta` li jsofri minn artrite f'dan il-gog. Il-gog ghandu iebes u possibilment dan ser jibqa' l-istess ghax issa ghadda z-zmien….dan il-pazjent jista' jbghati minn dizabilita` permanenti minhabba l-ksur tal-gog tax-xellug. Hemm cans li l-pazjent ikollu bzonn ta' operazzjoni hawnhekk biex jinbiddel il-gog"*.[14] Id-data ta' dak l-ezami kienet f'Novembru, 2019.[15]

---

[8] Fol.34-35.
[9] **Dok.MF** a fol.36-38
[10] Fol.38
[11] Fol.62-62
[12] **Dok.OS2** a fol.20-21
[13] Fol.21
[14] **Dok.RG** a fol. 57-58
[15] Fol.54

Riprodott l-abbli espert jikkonferma is-suspetti tieghu dwar in-natura tal-griehi mgarrba minn Fiorini u jghid li meta rega` ezaminah fit-8 ta' Lulju, 2020, aktar minn sena wara l-akkadut, u seba xhur wara l-ewwel ezami, sab li ***"Ghandu diżabilità permanenti ta' ħamsa fil-mija*** **(5%)***, li tappartjeni ghal ġok tal-hib tax-xellug."*.[16]

**Dr. Isaac Balzan** ikkonferma c-certifikat mediku mahrug minnu[17]li fih ddeskriva l-griehi sofferti minn Fiorini *"kellu multi focal fractures, kellu undisplaced left inferior and superior….fractures, u kellu laceration zghira ta' less than one centimetre on the left side of the nose u dawn huma ta'* ***natura gravi****"*.[18]

L-imputat **Emanuel Esposito** ghazel li jixhed[19] u rega' ttenna lil Fiorini ma messux. Jikkonferma li ma John Fiorini <u>qatt ma kien hemm inkwiet</u> u ghalhekk **ma kienx kapaci jaghti risposta ghaliex dan kellu jigdeb dwaru** meta xehed li kien gie msawwat minnu. Esposito jichad li l-istess Fiorini ghamillu xi xoghol.

Din ix-xhieda, kuntrarjament ghal dik tal-vittma, mhix wahda kredibbli, msejjsa fuq il-verita` w s-sewwa. Id-diffikulta' tal-imputat li jaghti spjegazzjoni li ghandha mis-sens komun hi manifesta, kif daqstant iehor hu manifest l-komportament xejn komdu li bih xehed. Xhieda nieqsa minn dettal u xotta ghall-ahhar. Kif qatt jista' jigi emnut l-imputat li ragel li ftit li xejn kien jafu, anzi kienu jsellmu lil xulxin, ghal xejn b'xejn kellu jaqla' storja daqshekk gravi dwaru? Storja izda, li l-griehi mgarrba w certifikati mit-tobba, jikkoroborawha.

---

16 Fol.76. Rapport **Dok.RGZ** a fol.77 et seq.
17 Fol.11
18 Fol.60
19 Fol.88-89

Korroborazzjoni ohra hu l-fatt li l-imputat stess jammetti li kellu zewg opri tal-bahar ezatt kif irrakkonta John Fiorini li jghid li l-imputat kellmu rigward zewg dghajjes u hu ghamel xoghlijiet fuqhom.

Minn ezami tal-provi ghalhekk jirrizulta li John Fiorini soffra dizabilita` permanenti ta' 5% b'konsegwenza tal-griehi li garrab. Il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju ssib li dawn il-griehi saru mill-imputat Emanuel Esposito, li bla hniena u bla raguni nfexx f'daghdiha ta' rabja w aggressivita` semplicement ghaliex ma riedx ihallas ghall-servizzji li nghata mill-vittma.

Madanakollu, u minkejja li sa mill-ewwel xhieda tieghu, il-Professur Ray Gatt jixhed li x'aktarx Fiorini kien ser ikollu dizabilita` permanenti, fl-artikoli indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu, l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali baqa' ma giex indikat. Ghalhekk il-Qorti tista' ssib htija biss in kwantu ghall-offiza gravi ai termini tal-artikolu 216 tal-Kodici, li jinkwadra anke f'dak li jikkoncerna l-lacerazzjoni fuq l-imnieher ta' Fiorini.

Fid-decizjoni **Il-Pulizija vs Salvinu Vella** intqal:[20]

> 17. L-artikolu 216 (1)(b) jitkellem fuq mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz. It test Inkliz juza l-kelma "*hands*" u dan hu ta' ghajnuna ghad-dibattitu mqanqal mill-imputat meta jghid li la darba l-ligi titkellem fuq l-idejn dan minnu nniffsu jeskludi id-drigh, ossia li l-id ma tinkludix id-drigh. Tajjeb li ssir referenza ghal dak li jinsenja l-Professur Mamo fin-**Notes On Criminal Law** – Revised Edition 1954-1955 pp 228 meta jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u jghid: "*Any external injury which detracts from the appearance of the face, or of the neck or of either of the hands – the most conspicuous parts of the human body...*" (Sottolinear tal-Qorti);
>
> 18. Meta offiza ggib mankament jew sfregju fill-wicc, l-ghonq jew wahda mill-idejn, dik l-offiza tkun wahda gravi *ex* artikolu 216(1) (b) tal-Kodici Kriminali anke jekk dak l-isfregju jdum ghal ftit hin. Jekk jipperdura, fejn allura jkun jehtieg ezami vizwali minn distanza mhux ragjonevoli, dak l-isfregju jitqies sfregju gravi fit-termini tal-artikolu 218(1)(b).

[20] Per Mr. Justice Giovanni M Grixti LL.M., LL.D; Appeal Nru. 496/2015. Dec.30th September, 2019

22. Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, **Il-Pulizija vs Desmond Falzon**, li ccit b'approvazzjoni s-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, fejn kien ritenut hekk:

**B'mankament … fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto *notevole o complessivo, o per l'entitia' della alterazjoni stessa o per l'espressione d'assieme del volto*" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik il-hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija vs Emily Zarb App Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta l-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici necessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm simplici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entita' tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc.**

19. Naturalment dak li intqal dwar il-wicc huwa ugwalment applikabbli ghall-ghonq u ghall-idejn. Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a). Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza kienet fuq l-idejn, fl-ghonq jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn. Dan hu hekk ghaliex il-legislatur donnu jaghti protezzjoni specjali ghal dawk l-estremitajiet tal-gisem li solitament huma dejjem mikxufin u ghaliex mankament jew sfregju fihom igibu maghhom il-konsegwenzi naturali u ovvji fuq l-offiz.

20. Fis-sistema legali taghna, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit zmien jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghal-esposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia** fejn oltre s-sentenza citata saret refeneza ghal-diversi sentenzi ohra foshom dik **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich** tat-2 ta' Settembru 1999 kien ritenut hekk:

**Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka f'okkazzjonijeit ohra, l-isregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsemmija 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita') ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment…"**

21. Fi kliem iehor, offiza gravi tista' ssehh fuq kull parti tal-gisem, pero' fejn si tratta tal-wicc, l-ghonq jew l-idejn hija dejjem gravi jekk iggib sfregju anka ghal ftit hin kif fuq spjegat. F'kaz ta' permanenza, dik l-offiza tkun gravissima. Issa jekk l-offiza ssir fuq parti ohra tal-gisem il-kwistjoni dwar jekk tkunx wahda hafifa, gravi jew gravissima tiddependi minn jekk tirrientrax f'dak ravvizat fil-kumplament tal-artikoli 216, 218 u fin-nuqqas 221(1).

22. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi la darba l-offiza mhix fuq il-wicc, l-ghonq jew l-idejn tal-kwerelant, u la darba ma gabet ebda wahda mill-konsegwenzi msemmija fl-artikoli 216 jew 218 fuq xi parti ohra tal-gisem, l-offiza hija wahda hafifa. Ghalhekk filwaqt li ma tistghax tinsab htija ta' offiza gravi qed tinsab htija ta' reat anqas gravi u cioe' ta' offiza hafifa fit-termini tal-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali bl-aggravanti msemmi fis-subartikolu (2).

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali, **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**, deciza fit-30 ta' Marzu, 1998, intqal:

"Il-ligi taghna, ghall-fini tar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghal konsegwenzi kollha li effetivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu" Il-Professur Mamo ighid: **"*To constitute the crime of willful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the animus nocendi, the generic intent to cause harm, without requiring necessarily the actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues.***

Fil-ktieb tieghu, Notes on Criminal Law, il-**Professur Anthony J. Mamo** ikompli jghid hekk:

In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted.... ... Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu.[21] [sottolinear ta' din il-Qorti].

Fl-isfond tal-gurisprudenza enuncjata mhemmx dubbju li l-imputat ghandu jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni addebitata lilu. Jirrizulta wkoll li fi-zmien li sehh ir-reat, John Fiorini kellu 78 sena[22] u ghaldaqstant isib applikazzjoni l-artikolu 222A(1) li jipprovdi ghall-zieda fil-piena ta' bejn grad u zewg gradi.

---

[21] Pagna 225. Ara f'dan is-sens **Il-Pulizija vs Noel Degiorgio**, Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Marseanne Farrugia 22.12.2014; **The Police vs Chinonso Jude Okeakpu** 2.10.2013 **u Il-Pulizija vs Stephen Ciangura**, 26.09.2012, Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Edwina Grima.

[22] Fol.37

In konsiderazzjoni tal-piena il-Qorti qiset n-natura serja tar-reat li dwaru qed tinstab htija; reat li gie pperpetrat fuq anzjan ta' 78 sena bhala l-grazzi tax-xoghol li dan ghamel lill-imputat.

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**: [23]

> Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.
>
> Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[24]
>
> Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……
>
> Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[25]
>
> Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; …..

Imbghad kif ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Josef Camilleri:**[26]

[23] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Dec. 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

[24] **Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Dec. 28.11.2006.

[25] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Dec. 22.09.2009.

[26] Per Onor. Imhallef Joseph Galea Debono; Deciza 15 ta' Novembru, 2007; Appell Kriminali Numru. 268/2007

Illi umbaghad, kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament preseduta) fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi"** [30.7.2004] : -

*"… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b' effett immedjat . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika* " (sottoliear ta' din il-Qorti)

u zgur li f' dan il-kaz l-appellant wera grad gholi ta' prepotenza w arroganza fl-incident de quo li ma jistax jigi kondonat mill-Qrati.

Giet ikkunsidrata wkoll il-fedina penali netta kemmxejn voluminuza tal-imputat li turi kemm kien tassew familjari mal-ghatba tal-Qorti.

**P.L. Maria Dolores Fenech** esebiet sentenza moghtija kontra l-imputat fid-19 ta' Frar, 2018. Madanakollu din is-sentenza tipprova li l-imputat hu ricediv biss ai termini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii) u 222A(1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati fuq l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal **ghoxrin xahar (20) prigunerija.**

Inoltre` ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kodici Kriminali, bhala kumpens ghall-offiza gravi kawzata mill-imputat, tordna lill-imputat jikkumpensa lil John Fiorini detentur tal-karta tal-identita` numu 52141G fl-ammont ta' **sebat elef** ewro **€7,000**.

Dan l-ordni ghandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' **€425** rapprezentanti l-ispejjez peritali.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' John Fiorini ghal zmien tlett snin millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**MAGISTRAT**